

Rikors ippreżentat fit-2 ta' April 2009 — Visser — Fornt Raya vs Europol**(Kawża F-35/09)**

(2009/C 167/49)

*Lingwa tal-kawża: L-Olandiż***Partijiet***Rikorrenti:* Maria Teresa Visser — Fornt Raya (La Haye, L-Olanda) (rappreżentanti: P. de Casparis)*Konvenut:* Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

L-annullament tad-deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2008 li informat lir-rikorrenti dwar l-impossibbiltà li jiġi offrut lilha impjieg permanenti, kif ukoll id-deċiżjoni tas-7 ta' Jannar 2009 li ħadet l-ilment imressaq kontra l-ewwel deċiżjoni.

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2008 li biha l-konvenut indika lir-rikorrenti li huwa ma setax jipproponilha impjieg permanenti, kif ukoll id-deċiżjoni, wara l-ilment tagħha, mogħtija fis-7 ta' Jannar 2009, li tgħid illi l-oġġezzjonijiet li r-rikorrenti qajmet kontra d-deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2008 kienu infondati;

— tikkundanna lill-Europol għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-2 ta' April 2009 — Armitage-Wilson vs Europol**(Kawża F-36/09)**

(2009/C 167/50)

*Lingwa tal-kawża: L-Olandiż***Partijiet***Rikorrenti:* Kate Armitage-Wilson (l-Aja, l-Olanda) (rappreżentant: W. J. Dammingh)*Konvenut:* L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

L-annullament tad-deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2008 li tinforma lir-rikorrenti bl-impossibbiltà li tiġi offruta impjieg permanenti, kif ukoll tad-deċiżjoni tas-7 ta' Jannar 2009 li tiċħad l-ilment imressaq kontra l-ewwel deċiżjoni.

Talbiet tar-rikorrenti

— Tannulla d-deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2008 li permezz tagħha l-konvenut indika lir-rikorrenti li ma setax joffrilha impjieg permanenti kif ukoll d-deċiżjoni rigward l-ilment tas-7 ta' Jannar 2009 li tiċħad bħala infondati l-ilmenti li r-rikorrenti ressqet kontra d-deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2008;

— tikkundanna lill-Europol għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-2 ta' April 2009 — Doyle vs Europol**(Kawża F-37/09)**

(2009/C 167/51)

*Lingwa tal-kawża: L-Olandiż***Partijiet***Rikorrenti:* Margaret Doyle (Noordwijkerhout, l-Olanda) (rappreżentant: P. de Casparis)*Konvenut:* Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

L-annullament tad-deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2008 li tinforma lir-rikorrenti bl-impossibbiltà li tiġi offruta impjieg permanenti, kif ukoll id-deċiżjoni tas-7 ta' Jannar 2009 li tiċħad l-ilment imressaq kontra l-ewwel deċiżjoni.

Talbiet tar-rikorrenti

— jannulla d-deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2008 li permezz tagħha l-konvenut informa lill-konvenuta li ma setax joffrilha impjieg permanenti, kif ukoll id-deċiżjoni mogħtija fuq ilment fis-7 ta' Jannar 2009 li tiddikjara l-ilmenti li r-rikorrenti għamlet kontra l-ewwel deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2008 bħala infondati;

— jikkundanna lill-Europol għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-2 ta' April 2009 — Breige Martin vs Europol**(Kawża F-38/09)**

(2009/C 167/52)

*Lingwa tal-kawża: L-Olandiż***Partijiet***Rikorrent:* Breige Martin (Dublin, l-Irlanda) (rappreżentant: P. de Casparis)